# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 479/2020

**Il-Pulizija**

**(Spettur Janetta Grixti)**

**vs**

***Omissis***

***Omissis***

***Haruun Madwi Haruun***

***Omissis***

***Omissis***

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2021

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonjiet dedotti kontra ***omissis*** ta' 17 il sena iben Hassan u Hawa Wasi, imwieled nhar 1-01 ta' Jannar 2003 gewwa North of Darfour, Sudaru, residenti gewwa c-centru ta detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 200-052

**Mohamed Hamid** ta 21 sena iben Osman t Aza Harm, imwieled nhar 1-04 u April 1999 gewwa Abubish, Chad, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 200-056

**Haruun Madwi Haruun** ta 21 sena iben Ahmed u Kubra Bushara, imwieled nhar it-02 ta' Frar 1999 gewwa South of Darfour, Sudan, residenti gewwa c centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 200-065

***Omissis*** ta 17 il-sena iben Abdalla Mohammed u Nurit, imwieled nhar 1-01 ta Jannar 2003 gewwa Asmara, Eritrea, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20H-036

**Omissis** ta' 15 il-sena iben Muhammed u Aisa, imwieled nhar l 01 ta' Mejju 2005 gewwa Mogadishu, Somalia, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 202-192

Talli nhar it-18 Settembru 2020 bejn is-saghtejn nieqes kwart ta' filghodu (01:45hrs) u s-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs) gewwa c-Centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi, Safi Barracks, Safi:

1. Volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor li tikkonsisti fi twieqi u struttura ta' bini, liema hsara tammonta ghal aktar minn 2,500 Euro (€5,500) ghad-dannu tal-gvern ta' Malta u dan bi kur ta 1 artikolu 325 (1) (a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

2. Uaktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar min-nies jew aktar, migburin, bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ma kienitx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli din il-migemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel il-fatt li sar u dan bi ksur tal-Artikoli 68(2) u (3) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliejhomx jew fixkilhom waqt li kien qed jagħmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahhlu fi dmirhom, jew billi gabu fix-xejn jew hasru dak li haddiehor kun ghamel skont il-ligi. jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jaqgha' taht 1 ebda dispozizzjonijiet ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal Ligijiet ta' Malta;

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kissru l-bon ordni jew il-kwiet u paci tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta Artikolu 338(dd) ta kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

5. Irrendew ruhhom komplici billi b'xi mod li jkun, xjentement ghenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar saqqu li kien gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi w dan bi ksur tal-artikolu 42 (d) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Frar 2021 li biha sabet lil imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom u kkundannat lill-**Mohamed Hamid** u lill-**Haruun Madwi Haruun** ghal prigunerija ta tletin (30) xahar effettivi, kull wiehed individwalment u separatament, minn liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamlu taht arrest preventiv, u lil ***omissis*, *omissis* u *omissis*** in vista ta' l-eta' tenera taghhom u wara li rat l-aritkolu 37(2) tal-Kodici Kriminali kkundannathom ghall-prigunerija ta' tmintax (18) il-xhar effettivi, kull wiehed individwalment u separatament, minn liema ghandu jigi mnaqqas dak skontat taht arrest preventiv.

Il-Qorti ordnat ukoll lill-hatja jhallsu multa ekwivalenti ghall-hsara li saret fl-ammont ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) lill-Gvern ta Malta, b'dan li kull hati ghandu jhallas individwalment u separatament multa ta' hames mitt Euro (€500) rapprezentanti wiehed minn hamsa (1/5th) tas-sehem individwali u dan skond il-proviso tal-artikolu 325 (1) tal-Kodici Kriminali. Ordnat ukoll lill-imputati jhallsu lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti mahtura fis-somma komplessiva ta' mitejn, tmienja u tletin Euro u disghin centezmu (€238.90) u cioe' l-ispejjez tar-rapport ta' l-espert PC 1331 Darren Debattista fl-ammont ta' €238.90 skond l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali b'tali mod li kull hati kellu jhallas individwalment u separatament l-ammont ta' seba' u erbghin euro u tmienja u sebghin centzemu (€47.78) rapprezentanti wiehed minn hamsa (1/5th) sehem ta' l-ispejjez.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Haruun Madwi Harrun, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Marzu 2021, li bih talab lil din il-Qorti **tvarja** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti sabet htija fl-appellant u **minnflok** taghti piena aktar ekwa u gusta skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-partijiet fis-sottomissjonijiet orali taghhom;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravam singolari li l-piena kellha tkun wahda ferm aktar miti, ekwa u gusta u dan sabiex tkun vera tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal-kaz. In sostenn tal-aggravju tieghu l-appellant ressaq is-segwenti ragunijiet li skond hu ma ttiehdux in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti: "1) l-fatt li l-appellant irregistra ammissjoni bikrija; 2) il-fatt li l-appellant kkopera mill-bidu bis-shih mal-Pulizija u ta informazzjoni siewja; 3) il-fatt li meta saret l-protesta in kwistjoni, l-appellant kien qed jinzamm gewwa d-detenzjoni ta' Hal Safi liema post jinsab f'kundizzjoni ferm malandat u huwa post degradanti u li jrendi l-istess post bhala post mhux adekwat sabiex jinzammu detenuti fih u dan bi ksur lampanti ta' drittijiet fundamentali tal-

bniedem; 4) illi di piu l-appellant huwa pesuna vulnerabbli li qatt ma ried jinvolvi ruhu u jikkawza hsara; 5) illi huwa harab mill-gwerra fis-Sudan u qieghed jfittex azil internazzjonali gewwa Malta bit-tama li jkollu opportunita' ghal-futur pacifiku u ahjar; 6) illi d- decizjoni tieghu li jammetti kienet motivata purament mid-disprament u l-istat mentali hazin li kien jinsab fiha";

2. Illi fis-sottomissjonijiet orali tieghu, l-avukat difensur tal-appellant allega li f'dawn it-tip ta' kawzi qed tqum diffikulta' minhabba li l-interpreti jistaqsu lill-imputati jekk iridux jammettu halli l-kawza tinqata' malajr. Minkejja dan l-appellant iddikjara aktar tard li ressaq din l-allegazzjoni bhala retroxena u ma ghamel ebda sottomissjoni ohra dwarha. Il-Qorti ghalhekk tqis li ma hemm l-ebda lment dwar il-kwalita' tat-traduzzjoni fil-procedura lamentata;

3. Jibda biex jinghad illi kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna, l-ammissjoni ma taghti l-ebda forma ta' xi dritt awtomatiku ghal skont fil-piena erogabbli. Wara ammissjoni, l-imputati misjuba hatja in forza ta' hekk jistghu jistennew li jinghataw dik il-piena erogabbli skond il-ligi u xejn aktar. B'mod generali, izda, u minn studju ta' sentenzi tal-Qrati taghna, fil-maggior parti tal-kazi jkun hemm xi forma ta' relattivita' bejn il-piena u l-ammissjoni izda dik hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti li teroga dik il-piena. Marbut ma' dan huwa ormai principju assodat ukoll illi sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li l-piena kellha tkun anqas, jew aktar, skond min jappella, minn dik fil-fatt kominata, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoi ezercitata mill-ewwel Qorti. U dan huwa l-punt ta' tluq f'appelli bhal dak in disamina;

4. Issa l-ewwel imputazzjoni tipotizza d-delitt ravvizat fl-artikolu 325(1) (a) tal-Kodici Kriminali li hu soggett ghall-piena minn xahar sa erba' snin prigunerija. Gia ghalhekk il-piena kominata kienet fil-parametri tal-ligi u ghalhekk ma hemm xejn aktar x'jinghad in rigward stante li l-ewwel Qorti erogat piena komplessiva u dan minghajr ma tidhol fil-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali;

5. Ezaminati l-atti processwali, jemergi illi fl-udjenza quddiem l-ewwel Qorti meta l-imputati, allura inkluz l-imputat appellant, wrew ix-xewqa li riedu jirregistraw ammissjoni, l-ewwel Qorti mxiet b'mod incensurabbli fit-thaddim tal-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali. Wissiet lill-imputati bil-konsegwenzi li ammissjoni tfisser li jkollha ssibhom hatja u li dawk l-imputazzjonijiet igorru piena ta' prigunerija u piena ohra pekunjarja u li dik il-piena trid tkun x'imkien bejn il-minimu u l-massimu. Inoltre l-ewwel Qorti infurmathom li wara li jammettu jistghu jirtiraw l-ammissjoni taghhom u jitkompla l-process. Wara li rregistraw ammissjoni staqsiet lill-imputati jekk iridux jikkonfermaw dik l-ammissjoni jew jirtirawha u li jekk xi hadd minnhom ghandu bzonn jerga jiehu parir legali jistghu jiehdu kemm jixtiequ zmien. Wara dawn il-kawzjonijiet kollha maghmula lill-imputati u tradotti mill-interpreti fl-ilsna li jifhmu, l-istess imputati kkonfermaw l-ammissjoni taghhom;

6. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti aderiet skrupolozament mas-solennita' imposta fl-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali u ma hemm xejn x'jindika li dik l-ammissjoni saret b'mod erronju anke jekk dan hu implicitu izda mhux daqshekk car fl-aggravju intentat meta jghid li "d-decizjoni tieghu li jammetti kienet

motivata purament mid-disprament u l-istat mentali hazin li kien jinsab fiha". Fiz-zmien li fiha rregistra ammissjoni, izda, l-imputat kien mizmum preventivament gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ma ressaq ebda prova dwar xi forma ta' disprament li geghlitu jirregistra ammissjoni u li wara l-kawzjonijiet moghtija mill-ewwel Qorti certament kellu bizzejjed preavviz tal-konsegwenzi tas-sentenza li setghet tinghata fil-konfront tieghu. Fis-sottomissjonijiet orali tieghu l-appellant allega illi bil-kundizzjonijiet prevalenti fic-centru ta' detenzjoni ahjar li jkun inkarcerat milli joqghod hemm. Dan izda huwa dirattament oppost ghal-allegazzjoni tieghu li fiz-zmien tal-ammissjoni kien jinsab fi stat ta' disprament;

7. L-appellant ukoll jaghmel paragun mal-piena erogata fil-konfront ta' tlieta mill-imputati l-ohra igifieri ta' tmintax-il xahar prigunerija. Il-Qorti, izda, taghmel referenza ghall-artikolu 37(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li fil-kaz ta' minorenni bejn is-sittax u t-tmintax-il sena l-piena tonqos bi grad jew tnejn, kif effettivament ghamlet l-ewwel Qorti. Ma hemm l-ebda lok ta' konsiderazzjoni ulterjuri in rigward ghajr illi din hija wahda mir-ragunijiet esposti fil-gurisprudenza illi l-paraguni huma odjuzi proprju ghaliex kull kaz, u allura kull imputat, huwa suggett ghall-konsiderazzjonijiet fuq il-mertu u cirkostanzi differenti ta' kull kaz;

8. Illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ghamlet erba' konsiderazzjonijiet dwar il-piena erogabbli b'attenzjoni partikolari ghall-istadju li fih kienet registrata l-ammissjoni u ddikjarat li din ghandha tkun "attenwanti a favur l-imputati". Ifisser dan illi l-appellant huwa zbaljat fl-allegazzjoni tieghu;

9. Illi ghalhekk ma tirrizulta ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha, b'eccezzjoni ghall-principju li mhux normali li tirrimpjazzja d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti, tvarja l-piena erogata fil-konfront tal-appellant.

10. Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun michud.